KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Ħamsa u Erbgħin (45)***

***It-Tlieta, 15 ta' Marzu, 2022***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa. Il-Laqgħa bdiet fis-5.45pm

**45.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

45.1.1 Tressqet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Andreas Gatt fejn informa li ma jistax jattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsill approva.

**45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

45.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 44 li nżammet nhar it-Tlieta, 15 ta' Frar, 2022.

45.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 44 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

45.2.3 **Mozzjoni 45-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 44.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Kunsillier Keith Fenech

Il-Minuti Numru 44 ġew approvati unanimament.

**45.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

*A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 45 (08) – April 2022*

45.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 45(08) permezz cheque numru 7188 (ref. 10288) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10276 sa 10307 li jammontaw €19,442.62

45.3.2 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar l-ammont li qed jitħallas kull xahar fir-rigward ta' Data protection officer u jekk s'issa l-Kunsill ġiex bżonn tas-servizzi tiegħu. Huwa ppropona li nitkellmu mar-Reġjun forsi jista' jibda jingħata s-servizz b'mod reġjonali.

45.3.2 **Mozzjoni 45-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 45(08) bl-ammont ta' €19,442.62

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 45(08) ġiet approvata unanimament.

## 45.4 <u>Korrispondenza</u>

45.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza dwar ic-*Charging Pillars* li qed jiġu nstallati fil-lokalita' tagħna. Bħalissa ġiet installata waħda fi Triq Ġużeppi Gravina. Il-Kunsill kien ippropona li tiġi nstallata oħra fi Triq id-Dejl. Ġejna infumati li l-Ministeru issa identifika żona oħra fejn tista' tiġi nstallata b'mod faċli, u din iż-żona hija f'Tal-Qattus fejn is-*substation*. Il-Kunsill approva din il-proposta.

45.4.2 Tressqet korrispondenza rigward talba sabiex tibda' tintuża' s-sala tal-Kappillan biex isiru korsijiet ta' 'Aqra Miegħi'. Infurmajna l-Kappillan dwar din it-talba fejn infurmana li s-sala tista' tintuża'. Il-Kunsill qabel li bħala ħlas għal użu tas-sala jingħata l-ammont ta' €150.

45.4.3 Tressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun dwar Miżura 3 tal-Galxlokk dwar applikazzjoni sabiex issir Promozzjoni tal-Wirt Kulturali. Dan il-proġett se jsir mir-Reġjun bil-għajnuna tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa. Ir-Reġjun qed jitlob sabiex il-Kunsill jikkomissjona kittieb li jiġbor l-Informazzjoni ta' Wirt Kulturali. Il-Kunsill qabel li jinġieb iktar informazzjoni dwar dak li għandhom bżonn. F'każ li għandhom bżonn kittieb, nitkellmu mas-Sinjura Miriam Schembri, ex-kunsilliera.

45.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għal dawn l-aħħar snin, il-Kunsill kien qed jaħdem mal-kumpanija Parker Randall Turner bħala *accountants* tal-Kunsill. Dan wara li kien ħareġ tender fejn il-kwotazzjoni kienet ta' inqas minn €5000, u għaldaqstant il-Kunsill baqa' jġedded din il-kwotazzjoni kull sena minħabba li dejjem kien sodisfatt bix-xogħol li ingħata fejn jidħlu *accounts* tal-Kunsill. Iżda l-istess kumpanija issa qed tirrevedi l-ispiża tax-xogħlijiet tagħha għal kull sena fejn il-kwotazzjoni issa qed taqbeż l-ammont ta' €5000 fis-sena. Għaldaqstant f'dan l-istadju, l-Kunsill se jkollu joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet fir-rigward.

45.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar l-attivitajiet li issa se jkunu organizzati għal Ġimgħa l-Kbira. Il-Kunsill fi snin preċedenti kien jagħti permessi għal bejgħ ta' ħelu tradizzjonali fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel li din is-sena jerġgħu jingħataw l-istess permessi. Rigward permessi ta' applikazzjonijiet ġodda, il-Kunsill qabel li kull min jiġi ġdid jista' jingħata permess biex jarma fi Vjal il-Labour.

45.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet ukoll dwar l-attivitajiet tal-każini għal żmien il-Festi. Infurmat li minħabba li l-proċedura din is-sena inbidlet fejn il-permessi m'għadhomx isiru mill-pulizija, il-Kunsill issa jrid joħroġ permessi għall-attivitajiet, li skond il-liġi huma ta' €6.99 għal kull attivita'. Barra minn hekk iridu jsiru l-arranġamenti kollha neċċessarji sabiex fejn jidħlu għeluq ta' toroq u *clearance*, dan isir mill-LESA jew minn Transport Malta bi ħlas.

45.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta sabiex tiġi rranġata l-faċċata tal-Kunsill mill-ħaddiema tagħna. Il-Kunsill approva.

**45.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

45.5.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba mid-Delettanti tan-Nar ta' Santa Marija fejn qed jitolbu li ssir talba lill-Enemalta sabiex issir trinka biex id-dawl jgħaddi mit-trinka u jitneħħew l-arbli mill-għelieqi. It-talba għandha ssir biex it-trinek isiru mill-post tan-nar ta' Santa Marija sal-main li toħroġ għal-Birżebbuġa. Il-Kunsill approva li ssir it-talba.

45.5.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex wire tad-dawl li hemm imdendel fl-iSqaq Numru 2 fi Triq Santa Marija, jitneħħa u jiġi mgħoddi minn taħt l-art. Il-Kunsill qabel li tinġieb stima ta' dawn ix-xogħlijiet u titressaq f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

45.5.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment mingħand residenti fi Triq il-Wilġa fejn qed jitolbu sabiex it-trakk tal-ġbir ta' skart ma jibqax jgħaddi mit-triq imsemmija minħabba li t-triq hija dejqa u qed isiru ħsarat fuq il-vetturi li jkunu pparkjati. Il-Kunsill qabel li jkellem lill-kuntrattur sabiex ma jibqax jidħol bit-trakk il-kbir f'dik it-triq.

45.5.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq applikazzjoni għar-Restawr ta' postijiet storiċi. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jerġa' jipprova japplika għar-Restawr tat-Turretta. F'każ li din ma tkunx eligibbli, il-Kunsill jista' japplika għar-restawr taz-zuntier tal-Knisja kif ukoll għall-koppla tal-Knisja ta' Santu Kristu.

**45.6 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

45.6.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet dwar jekk hemmx xi informazzjoni fuq kif ser isiru l-bankini fi Triq Tal-Qattus. Is-Sindku qal li se jitkellem mal-Perit dwarhom.

45.6.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli ġibdet l-attenzjoni dwar diversi knatan li qed jitħallew fit-triq fi Triq tal-Qattus fost ħafna trabijiet. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-BRO sabiex jagħmlu spezzjoni fuq ix-xoghlijiet li qed isiru.

45.6.3 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet dwar meta se titħaddem il-funtana li hemm fil-Bypass qabel tidħol lejn Triq il-Gudja. Is-Sindku qal li bħalissa l-kuntrattur jinsab indispost minħabba xi problemi personali. Ix-xogħol jitkompla meta l-kuntrattur jerġa' jkun dispost.

45.6.4 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fil-proġett tal-Pjazza. Is-Sindku qal li waqt laqgħa li kellu, tressqet talba sabiex Triq Santa Marija sal-pjazza tingħalaq. L-Kunsill saħaq li din it-talba diffiċli ssir minħabba li tista' toħloq ħafna problemi u m'hemmx alternattivi.

## 45.7 <u>Mozzjonijiet</u>

45.7.1 Annessi mal-Minuti

## 45.8 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>

45.8.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 12 ta’ April 2022 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 45**

**Mozzjoni Ref:** 45-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 44

______________________ ______________________

**Rose Agius** **Keith Fenech**
**Proponent** **Sekondant**

---

**Data:** 15 ta' Marzu 2022

______________________

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 45**

**Mozzjoni Ref:** 45-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 45/08

| | |
|---|---|
| **Keith Fenech**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 15 ta' Marzu 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**